MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 523/2014

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta’ Awissu 2001 (Vide Dok AM1 anness) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino tal-24 ta’ Marzu 2010 (Vide Dok AM 2 anness) u kienu ilhom zmien qabel de facto separati minn xulxin;

Illi m’hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-esponenti anke ifforma rabtiet ma persuna ohra;

Illi m’hemm ebda manteniment dovut lir-rikorrenti stante li ai termini tal-artikolu 4 tal-kuntratt ta’ separazzjoni sudett huma t-tnejn irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta’ manteniment reciproku;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti;

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju/hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat skont il-Ligi;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Jannar, 2015;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Marzu 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------